MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Appell Civili Numru. 76/2010/1

**Grace Sacco**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru; Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex**

## Preliminari

**1.** Dawn il-proceduri jirrigwardaw zewg appelli, wiehed maghmul mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku [il-Kummissjoni] u l-iehor [l-Appell Kongunt] miz-zewg

intimati l-ohra konguntivament, minn decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fil-25 ta’ Mejju 2012 li permezz taghha, iddecidiet billi laqghet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, iddikjarat null, invalidu u minghajr effett l-ghemil tal-intimati meta tterminaw l-impieg tal-istess, u bhala *just satisfaction* ordnat li r-rikorrenti titpogga fil-pozizzjoni li kienet qabel is-17 ta’ Novembru 2009, u cioe` li titqies f’impieg regolari mal-Gvern, u li tinghata l-paga taghha kollha daqslikieku t-terminazzjoni tal-impieg taghha qatt ma saret; bl-ispejjez jithallsu kollha mit-tliet intimati in solidum bejniethom [b’dan li fir-relazzjoni nterna ta’ bejniethom, kull intimat irid ihallas terz [$^1/_3$] tal-ispejjez].

**2.** L-aggravji tal-intimati minn din id-decizjoni huma principalment tnejn.

Fl-ewwel aggravju taghhom l-intimati Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex [id-Direttur] isostnu li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari taghhom dwar l-illegittimita` passiva tal-intimat [id-Direttur], filwaqt fit-tieni aggravju l-intimati kollha jsostnu li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] huma inapplikabbli ghal kaz odjern stante li dan jikkoncerna terminazzjoni ta’ impieg minn mas-Servizz Pubbliku.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**3.** Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi f’din il-kawza, ir-rikorrent, li ghandha l-grad ta’ enrolled nurse u ghamlet snin tahdem fic-centru tas-sahha Victoria, Ghawdex, u anke fl-isptar generali ta’ Ghawdex sfat imkeccija mill-impjieg taghha. Dan sehh allegatament ”on medical grounds”.

“Il-fatti fil-qosor kienu dawn. Ir-rikorrenti giet *boarded out* f’Novembru tal-2006 minhabba l-kundizzjoni medika taghha. Hi kkontestat din it-terminazzjoni mill-impjieg, u

wara li mill-awtoritajiet kompetenti gie realizzat li kien sehh zball tekniku fil-waqt ta’ din il-procedura, sar qbil bejn il-partijiet li hi tigi mpoggija fil-pozizzjoni li kienet fiddata tat-terminazzjoni mill-impjieg, u terga’ tghaddi bord mediku. Dan issuggerixxa li r-rikorrenti tigi “*gradually reintroduced in the work environment*”. Peress li d-Direttur Customer Services gewwa Ghawdex ma kienx iltaqa’ qabel ma’ din it-tip ta’ *reinstatement*, talab lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (il-PSC) jiccara x’ghandu jsir. Din il-Kummissjoni tat istruzzjonijiet biex ir-rikorrenti tigi *reinstated*, pero’ taht supervizjoni ghall-perjodu ta’ 3 xhur, u wara jsir rapport li fih issir *assessment* tax-xoghol taghha, liema rapport kellu jinghata lill-PSC.

“Sussegwentement, gheluq dawn it-3 xhur gie mhejji rapport minn Paul Buttigieg, Manager Nursing Services, li nghata lill-PSC. Wara li l-Kummissjoni evalwat ir-rapport, hareg rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru biex ir-rikorrenti tigi rtirata mis-servizz pubbliku fuq bazi medika. Il-Prim Ministru accetta din ir-rakkomandazzjoni u ttermina limpjieg tar-rikorrenti.

“Ir-rikorrenti qed tilmenta mill-fatt li wara r-rapport tal-bord mediku, li kien issuggerixxa illi hi tigi “*gradually reintroduced in the work environment*”, wara li kien sab li kien hemm “*a significant reduction in the symptoms that disabled her in the past*”, ma nghatalha ebda opportunita’ tiddefendi ruhha u l-passi li ttiehdu wara li kienet giet *reinstated* ittiehdu wara daharha u minghajr ma rega’ intalab il-parir tal-*medical board*.

“Fil-fatt, irrizulta li hi ma gietx moghtija kopja tar-rapport li kien hejja Paul Buttigieg, u meta dan gie diskuss fil-PSC, hi ma gietx mitluba taghti l-fehma taghha; lanqas ma nstemghet mill-PSC qabel ma dan hareg irrakkomandazzjoni ta’ tmiem l-impjieg.

“L-intimati wiegbu li skont il-Kostituzzjoni, il-PSC mhux obbligat jaghti smiegh lill-ufficjali fis-servizz pubbliku, u, f’kull kaz, kien ovvju li r-rikorrenti ma kinitx kapaci twettaq dmirha b’dik id-diligenza mehtiega u li, ghalhekk, itterminazzjoni mill-impjieg kien gustifikat.

“Din il-Qorti taghmilha cara li hi mhux se tidhol biex tezamina jekk it-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienx gustifikat jew le, peress li mhux il-funzjoni taghha li taghmel dan u lanqas, del resto, ma giet mitluba taghmel dan l-ezami. L-ilment tar-rikorrenti hu bazat fuq il-fatt li hi ma nghatatx smiegh qabel ma gie terminat l-impjieg taghha, u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kif protetti bl-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Dwar is-sottomissjoni li l-PSC mhux marbuta li taghti smiegh jew li l-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha mhux sindikabbli minn dawn il-qrati, din il-Qorti mill-ewwel tghid li hi ma taqbilx ma’ dan l-argument.

“Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC m’hijiex insindikabblic b’mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx irregoli ta’ procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kazi quddiemha ***(“Cassar vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku”,*** eventwalment ceduta quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ Novembru 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b’mod diskriminatorju ***(“Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku”,*** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Jannar 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ***(“Attard vs Sant’Angelo noe et***”, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta’ Novembru 1996), allura l-Qorti ordinarja tista’ tintervjeni u taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principju tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta’ individwu, u ebda awtorita’ moghnija b’dan il-poter ma tista’ twarrab dawn il-principji b’immunita’ (ara, per ezempju, il-kazijiet ***“Zammit vs Falzon”,*** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta’ Marzu 2003, ***“Mangion vs Cilia Pisani noe”,*** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Mejju

2004, ***"De Gaetano vs Awtorita' tal-Ippjanar"*** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2005, u ***"A J Hili ta' Miena Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ",*** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2004). Ovvjament, il-principju *audi alteram partem*, ma jfissirx li lparti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata lopportunita' tressaq il-kaz taghha.

"F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma gietx mgharrfa bil-kontenut tar-rapport li sar dwar attitudni taghha fuq il-lant taxxoghol. Il-fatt li, b'mod informali, hi giet mgharrfa li ma tantx kellha rapport tajjeb ghaliha jew li giet infurmata binnuqqasijiet taghha, ma jissostitwix l-obbligu tal-PSC jew tad-Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex li jghaddulha kopja tieghu u tinghata l-opportunita' li tikkritikah u tiddefendi l-interessi taghha. Hu veru li f'kawzi civili, id-dritt ta' smiegh xieraq ma japplikax "*with quite the same rigour*" bhal fil-kamp kriminali, pero' huwa dejjem mehtieg certu minimu ta' trasparenza f'ezercizzju ta' gudizzju, in partikolari li dak li jkun jinghata l-opportunita' li jipprezenta l-kaz tieghu quddiem it-tribunal mahtur. Kien nuqqas ukoll tal-PSC li jiddeciedi li jirrakkomanda t-tmiem tal-impjieg taghha minghajr ma jaghti opportunita' lirrikorrenti tressaq il-kaz taghha ghal quddiemu.

"Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza ***"Gatt v Prim Ministru et",*** deciza fis-6 ta' Settembru 2010, fejn dik il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghall-Avviz Legali 186 tal-1999, intitolat **"Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku",** u partikolarment ir-Regolament 35 ta' dan l-Avviz Legali, ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*""38. Huwa car li dan ir-regolament huwa intiz sabiex f'kull stadju tal-proceduri kontrih, l-impjegat jinghata lopportunita' li jiddefendi ruhu in omagg ghall-principju ta' gustizzja naturali audi alteram partem. Ma hemmx kontestazzjoni li fil-kaz odjern, id-dispozizzjonijiet ta' dan ir-regolament gew kompletament injorati.*

*““39. Konsegwentement tqum il-kwistjoni jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni – in vista ta’ dak li jippreskrivi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni – li tistharreg jekk irrakkomandazzjoni tal-PSC li jigi terminat l-impjieg talappellat hijiex wahda valida fil-ligi, tenut kont li l-procedura stabbilita fir-regolament 35 tal-Avviz Legali 186 tal-1999 ma gietx segwita.*

*““40. Kaz analogu ghall-kaz odjern huwa Veterinarju Dottor Frank Cassar v. Chairman tal-Public Service Commission, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Ottubru 1976, fejn il-PSC ma segwietx il-procedurastipulata minnha stess, u l-Qorti kellha tezamina l-Artikolu 115 (dak iz-zmien 118) tal-Kostituzzjoni inehhilhiex lgurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-PSC. F’dik issentenza, il-Prim’ Awla kienet ikkonkludiet hekk: “Din iddispozizzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tipprekludi lill-Qrati milli jezaminaw u jiddeciedu dwar materji affidati lill-Kummissjoni taht l-artikolu 113, 114, 115 u 117 u jekk il-Kummissjoni qdietx il-mansjonijiet taghha validament. Pero’, ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni segwietx regolamenti ta’ procedura maghmula minnha stess taht is-setghat moghtija bl-artikolu 123 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha kompetenza li tezamina jekk dawn ir-regolamenti stess, li l-Kummissjoni ghogobha tistabilixxi, gewx segwiti. Li kiekuma kienx hekk, il-Kummissjoni kien ikollha poter assolut liwara li tghid li tintrabat li ser issegwi certi proceduri, twarrabhom u ma tosservahomx kull meta jidhrilha, peress li -ebda poter ma jkun jista’ jissindika dan l-operat. Ghaldaqstant, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tara li lformalitajiet u proceduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lillBord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess hasset il-htiega li ghandha taghmel regoli, jigu osservati, u tara li kollox isir skont il-ligi”.*

*““41. Dan ir-ragunament tal-Prim’ Awla huwa inneccepibbli,u ghalhekk, ghal din ir-raguni – u mhux, bir-rispett kollu, ghar-raguni moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza finali taghha – il-Qrati (inkluza ghalhekk din il-Qorti) ghandhom gurisdizzjoni jissindikaw jekk ir-*

*rakkomandazzjoni li tat il-PSC lill-Prim Ministru fil-konfront tal-appellat ittehditx skont il-ligi jew le."*

"Jidher mill-premess, fid-deliberazzjoni tal-funzjoni taghha, il-PSC kellha tassigura li dak l-ufficjal pubbliku li jkollu kaz li jkun qed jigi trattat quddiemha, irid jinghata dritt ta' smiegh xieraq. Ir-rikorrenti hija persuna fis-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga civili, kif imfissra fl-Artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni, u allura r-Regolament 35 fuq imsemmi japplika ghaliha.
"Fil-kawza ta' ***"Gatt v Prim Ministru",*** imsemmija aktar qabel, il-Qorti tal-Appell kompliet tghid hekk dwar limplikazzjonijiet tal-principju *audi alteram partem*:

*""47. Ir-regolament 35, fuq citat, jinkorpora fih il-principju ta' gustizzja naturali audi alteram partem ghax jimponi li f'kull stadju tal-proceduri mehuda kontrih sabiex tintemm ilhatra tieghu, l-ufficjal pubbliku koncernat irid jigi moghti kull rapport u dokument li jkun se jintuza kontrih, sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu, u jrid ukoll jinghata kull opportunita' biex jiddefendi ruhu quddiem il-PSC. Ghalhekk, fil-kaz odjern, il-principju tal-audi alteram partem, fil-proceduri ta' tnehhija mill-kariga ta' ufficjal pubbliku gew rezi mill-PSC innifisha f'ligi pozittiva, u konsegwentement iridu jigu osservati f'kull kaz ta' tkeccija mill-kariga ta' ufficjal pubbliku" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

"Fil-kaz odjern, huwa pacifiku li l-procedura kontemplata filligi giet kompletament injorata jew sorvolata, u konsegwentement, ir-rakkomandazzjoni tal-PSC in kwistjoni ma ttehditx skont il-ligi u hija invalida.

"Ghar-rigward tal-pozizzjoni tal-Prim Ministru f'din ilmaterja, fil-kawza msemmija ta' "Gatt v Prim Ministru", il-Qorti kompliet taghmel dawn l-osservazzjonijiet fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 86 tal-Kostituzzjoni:

*""55. Ghalhekk mhux preciz li jinghad li l-Prim Ministru kellu bil-fors bil-ghama jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSC, ghax il-Prim Ministru kellu s-setgha li jirriferixxi lura ghal darba wahda dik ir-rakkomandazzjoni ghallkonsiderazzjoni mill-gdid tal-PSC. Id-decizjoni*

*ahharija li lappellat jitnehha mill-kariga tieghu ttiehdet mill-Prim Ministru bis-sahha tal-poteri moghtija lilu mill-Kostituzzjoni. Ghalhekk, skont il-Kostituzzjoni, irresponsabilita'finali ghal dik id-decizjoni hija tieghu. Konsegwentement, kien obbligu tieghu li jivverifika li filprocess li wassal ghar-rakkomandazzjoni tal-PSC in kwistjoni, gew osservati l-ligijiet u regolamenti rilevanti, fosthom ir-regolament 35 tal-Avviz Legali 186/1999, u finnuqqas jitlob lill-PSC tirrikonsidra r-rakkomandazzjoni taghha wara li jkunu gew osservati l-ligijiet u regolamenti rilevanti.*

*"56. La darba r-rakkomandazzjoni tal-PSC in kwistjoni hija llegali u ghalhekk invalida u nulla, hija ugwalment invalida u nulla d-decizjoni tal-Prim Ministru li jittermina l-impjieg tal-appellat. Dak li hu legalment invalidu u null ma jista' jipproduci ebda effett, u ghalhekk l-appellat ghandu jerga' jigi ri-integrat fil-kariga li kellu qabel it-terminazzjoni ta' impjieg tieghu. Li kieku l-ewwel Qorti ma ordnatx lillappellanti jergghu jpoggu lill-appellat fil-pozizzjoni li kien fiha qabel it-3 ta' Mejju 2001, kienet tkun hi li qed tikkrea sitwazzjoni ta' anti-kostituzzjonalita', ghaliex kienet tkun qed taghti effett lill-att illegali u null."*

"Dan kollu japplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz."

## <u>L-Appell tal-Intimati</u>

**4.** Il-Qorti tosserva li mhux il-kaz li terga' tirrepeti l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz, stante li dawn jinsabu adegwatament rapportati fil-bran tas-sentenza fuq citat, u ghalhekk ser tghaddi biex titratta l-aggravji tal-intimati.

*<u>L-Ewwel Aggravju tal-Appell Kongunt</u>*

**5.** Dan hu fis-sens li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti injorat l-ewwel eccezzjoni tal-intimati l-Onor. Prim Ministru u d-Direttur, li hi fis-sens li d-Direttur mhuwiex il-legittimu kontradittur, u skont l-Artikolu 181B tal-Kodici Civili "bhala regola l-Gvern ghandu jigi rapprezentat fl-atti gudizzjarji

mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni."

**6.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-ewwel Qorti injorat din l-eccezzjoni izda l-istess eccezzjoni tirrizulta nfondata. L-Artikolu181B(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Dan l-artikolu ma jehtiegx li l-kap tad-dipartiment in kwistjoni jkun ha xi decizjoni fil-materja izda biss li l-kap tad-dipartiment ikun inkarigat fil-materja inkwistjoni. Ma giex kontestat li c-centru tas-sahha Victoria Ghawdex u l-Isptar Generali ta' Ghawdex jaqghu taht ir-responsabilita` tal-imharrek Direttur Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex u ghalhekk skont l-Artikolu 181B(1) imsemmi huwa legittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

**7.** Ghalhekk dan l-aggravju ma huwiex fondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju tal-Appell kongunt, u l-Aggravju tal-Kummissjoni*

*L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

**8.** Dawn l-aggravji huma fis-sens li l-artikoli precitati mhumiex applikabbli ghal kaz in dizamina stante li [1] dawn huma inapplikabbli ghall-kazijiet li jirrigwardaw reklutagg, karrieri jew terminazzjoni tas-servizz ta' persuni fis-servizz pubbliku, u [2] dawn l-artikoli japplikaw biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja, u l-Kummissjoni ma tidholx fit-termini la ta' 'qorti' u lanqas ta' 'awtorita` gudikanti'.

**9.** Ghandu qabel xejn jigi rilevat li f'dawn l-ahhar snin il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'rata pjuttost mghaggla fejn si tratta tal-applikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-vertenzi li jinqalghu bejn persuni fis-servizz civili u l-Istat li jimpjeghom. Huwa minnu li bis-sentenza taghha fil-kaz

**Pellegrin v. France**[1], salv li ser jinghad ulterjorment aktar tard dwar din is-sentenza, il-Qorti Ewropeja kienet irribadiet li vertenzi in konnessjoni mar-reklutagg, karrieri u t-terminazzjoni tas-servizz ta’ persuni fis-servizz civili kienu bhala regola barra mill-iskop ta’ applikabilita` tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

**10.** Bdanakollu f’diversi kawzi l-istess Qorti kienet gia` arginat dan il-principju generali b’certi kwalifiki fejn il-pretenzjonijiet tal-individwu kienu ta’ natura pekunjarja emanenti mil-ligi wara t-terminazzjoni tal-impieg. F’dawn ic-cirkostanzi, peress li l-iStat ma kienx qieghed jezercita setghat diskrezzjonarji u seta’ jigi mxebbah ma’ impjegant li kien parti f’kuntratt ta’ impieg regolat mid-dritt privat, il-Qorti kienet irriteniet li l-pretenzjonijiet inkwistjoni kienu ta’ natura civili fis-sens tal-Artikolu 6(1)[2]. Kien hemm sitwazzjonijiet varji ohra relatati mal-impieg ta’ persuna fis-servizz civili li skont ic-cirkostanzi tal-kaz gew ritenuti li jaqghu jew ma jaqghux taht il-harsien tal-Artikolu 6(1). Hekk gie ritenut li l-Artikolu 6(1) kien japplika fejn il-pretenzjoni kienet tirrigwarda dritt “purament ekonomiku”, bhall-hlas ta’ salarju, jew dritt “essenzjalment ekonomiku”[3].

**11.** Eventwalment, fil-kaz imsemmi ta’ **Pellegrin v. France**, il-Qorti esprimiet il-fehma li s-sitwazzjoni gurisprudenzjali precedenti kienet wahda li tohloq incertezza u kienet tal-fehma li kriterju li jallaccja man-natura tad-doveri ezercitati mill-ufficjal pubbliku koncernat kien wiehed li jippresta ruhu ghal aktar certezza u ghalhekk illimitat l-eskluzjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) ghal dawk il-karigi fis-servizz civili li kienu jikkomportaw l-ezercizzju ta’ doveri li kienu tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat jew ta’ awtoritajiet pubblici ohra u inkwantu tali jezercitaw parti mis-setgha sovrana tal-iStat. F’dawn ic-cirkostanzi l-iStat ghandu

[1] ECHR, Grand Chamber, 8/12/1999, #59
[2] ECHR **Vilho Eskelinen and others v. Finland**, Grand Chamber, 19/4/2007 #43 u s-sentenzi hemm citati
[3] Ibid #44-45 u s-sentenzi hemm citati

interess legittimu li jesigi minn dawn l-impjegati pubblici rabta specjali ta’ fiducja u lealta` waqt li fil-kaz ta’ impiegi pubblici ohra, fejn ma jezistix dan l-aspett ta’ “amministrazzjoni pubblika”, tali interess jigi nieqes[4]. Ghalhekk, dak li tqis determinanti ma kienx in-natura tal-kontestazzjoni izda n-natura tal-pozizzjoni okkupata mill-individwu involut fil-kontestazzjoni[5].

**12.** Aktar ricenti, fis-sentenza **Eskelinen and others v. Finland**[6] l-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) gie ulterjorment estiz billi gie ritenut li l-fatt biss li l-applikant ikun qieghed f’settur jew dipartiment li jippartecipa fl-ezercizzju tas-setgha vestita bid-dritt pubbliku ma kienx wahdu deciziv tal-kwistjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1); spetta wkoll lill-iStat li juri li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta’ fiducja u lealta`.

**13.** Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, jekk il-kariga inkwistjoni ma tkunx wahda li tikkomporta l-ezercizzju ta’ doveri li huma tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat jew ta’ awtoritajiet pubblici ohra u inkwantu tali jezercitaw parti mis-setgha sovrana tal-iStat, l-Artikolu 6(1) jkun applikabbli. Jekk il-kariga inkwistjoni tkun wahda li tikkomporta l-ezercizzju tad-doveri fuq imsemmija dan ma hux deciziv tan-nuqqas ta’ applikabilita` tal-Artikolu 6(1) ghaliex ikun ghad jispetta wkoll lill-iStat li juri li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta’ fiducja u lealta`.

**14.** Fil-kaz odjern din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-kariga ta’ *nurse* fis-servizz tas-sahha tal-iStat hija kariga li tikkomporta l-ezercizzju ta’ doveri li huma tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat u li ghalhekk fid-

---

[4] ECHR **Pellegrin v. France**, 8/12/1999. #65
[5] Vilha Eskelinen, supra, #54
[6] Vide supra

doveri inkwistjoni ma hemm ebda ezercizzju tas-setgha sovrana tal-iStat. L-Artikolu 6(1) huwa ghalhekk applikabbli.

**15.** Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li kkreawhom. Ghalhekk fl-operat taghha l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali.

**16.** Jinsab ritenut ukoll minn din il-Qorti fil-kawza **Perit Vincent Galea v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** [7] li:

"… ...Kif inu veru, li l-Kostituzzjoni teskludi mill-iskrutinju tal-Qrati tal-pajjiz kwistjonijiet dwar jekk il-P.S.C tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont il-Kostituzzjoni, daqstant iehor hu veru li meta trattatta fuq id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fejn riedet li jkun hemm hemm eccezzjonijiet qalitu kategorikament, b'mod li din il-Qorti semplicement ma tistax taccetta li oltre dak provdut fl-istess Kostituzzjoni fil-Kapitolu IV hawn xi hadd jew xi haga li ghaliha l-istess Kap. seta' ma sar xejn."

**17.** Tenut kont tal-insenjament premess ta' din il-Qorti kien ikun tassew strapp fl-Ordinament Guridiku taghna li kieku kellha din il-Qorti tirritjeni li filwaqt li l-Kummissjoni ma hix ezenti bil-Kostituzzjoni milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu elenkati fil-Kostituzzjoni hija izda ezenti milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem elenkati fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-istess drittijiet u libertajiet jirrispekkjaw lil xulxin, ghalkemm mhux b'mod preciz, u meta fl-istess Kap. ma hemm xejn li jindika li l-Kummissjoni hi hekk ezenti.

[7] Deciza 21 Jannar 1985; ara wkoll Q.Kos **Carmel Caccopardo v. Ministru tax-Xoghlijiet** *deciza* 29/1/1986

**18.** In sostenn tat-tezi taghhom li l-Artikolu 6(1) ma hux applikabbli ghal kaz tal-lum l-intimati jaghmlu riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Victor Sultana v. Malta**[8]. Il-fatti ta' dak il-kaz, izda, kienu ferm differenti minn dawk tal-kaz odjern, stante li dan kien jikkoncerna applikazzjoni tal-applikant ghal mas-servizz pubbliku u kien qieghed jippretendi li jinghata l-kariga li kien applika ghaliha. Ghalhekk, kif osservat il-Qorti Ewropeja f'dak il-kaz, *"The right claimed by the applicant cannot be held to have been of a civil character in terms of Article 6 of the Convention, since the result of these proceedings could only have had a remote effect on any civil right, if any, held by the applicant*[9]*."*

**19.** F'dak il-kaz il-Qorti Ewropeja cahdet it-talba tal-applikant peress li d-dritt allegatament lez kien wiehed ipotetiku u mhux konkret. Ghal kuntrarju, fil-kaz in dizamina, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti ghandu impatt serju fuq is-sitwazzjoni ekonomika taghha.

**20.** Il-kunsiderazzjonijiet premessi fir-rigward tal-applikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw ugwalment fir-rigward tal-applikabilita` tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**21.** Fl-aggravji taghhom l-intimati jsostnu li l-Kummissjoni mhijiex qorti, jew awtorita` gudizzjarja fit-termini tal-Artikoli 39[2] tal-Kostituzzjoni. Huma jissottomettu li, filwaqt li ma hemmx definizzjoni ta' 'qorti' jew 'awtorita` gudizzjarja' fil-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni taghmel biss rakkomandazzjonijiet u ma taghtix decizjoni. Fl-appell kongunt taghhom l-intimati jesprimu dan l-aggravju hekk:

"Dak li taghmel il-Kummissjoni huwa li taghmel rakkomandazzjoni u ma taghtix id-decizjoni finali liema rakkomandazzjoni tintbaghat lill-Prim Ministru. Min-naha l-ohra l-Prim Ministru bid-decizjoni tieghu xorta wahda ma

[8] ECHR Appl.970/04 – deciza 11/12/2007
[9] ibid # 81

jistax jitqies bhala li qed jaqdi l-funzjoni vestita fil-qrati jew tribunali. Li kieku kien hekk, kien jikser wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hija bazata l-Kostituzzjoni u cioe` dik tas-separazzjoni tal-poteri. L-esponenti jirrilevaw illi dan l-Artikolu [39[2] japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja, u la l-Kummissjoni u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista' jkollhom tali funzjoni."

**22.** Fl-ewwel lok huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

**23.** Skont il-Kostituzzjoni d-dritt ta' smiegh xieraq jirrikjedi li l-kaz jigi deciz minn *"awtorita' ohra gudikanti"* li tkun *"independenti u mparzjali."* u li *"tkun mwaqqfa b'ligi".*

**24.** Awtorita` titqies bhala gudikanti jekk ghandha l-funzjoni li taghti decizjonijiet li jorbtu lill-partijiet.

**25.** Fil-kaz **Van de Hurk v. The Netherlands** il-Qorti Ewropeja osservat hekk fir-rigward:

*"In the Court's opinion the power to give a binding decision which may not be altered by a non judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a Tribunal as is confirmed by the word "determination [qui decidere]"*[10]

**26.** Fil-kaz **Belilos v. Switzerland** il-Qorti Ewropeja ddefeniet t-terminu 'tribunal' uzat fl-Artikolu 6[1] b'dan il-mod:

*"...a 'tribunal' is characterized in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner. It must also satisfy a series of further requirements – independence, in particular of the executive, impartiality,*

[10] Appl. 16034/90 - deciza 15 April 1994 - para.45 –sottolinear ta' din il-qorti; Ara ukoll Q.Kos. **Antoine Tagliaferro et v. Onor.Prim Ministru** – deciza 21 Frar 1996 [Vol.LXXX.I.67]

*duration of its members' terms of office, guarantees afforded by its procedure..”*[11]

**27.** Il-Kummissjoni ntimata hija mwaqqfa bl-istess Kostituzzjoni u l-membri taghha huma appuntati mill-President ta' Malta li jagixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppozizzjoni.

**28.** Membru tal-Kummissjoni ma jistax ikollu kariga ta' Ministru, jew ta' Segretarju Parlamentari, jew ikun kandidat ghall-elezzjoni ghall-Kamra tar-Rapprezentanti, membru tal-Gvern jew jkun ufficjal pubbliku, u inoltre, mhuwiex elegibbli ghal nomina bhala ufficjal pubbliku, sa perjodu ta' tliet snin minn meta jaghlaq it-terminu tieghu biex iservi fuq il-Kummissjoni, liema perjodu huwa ta' hames snin.

**29.** Huwa jista' jigi rimoss mill-kariga tieghu qabel l-gheluq il-hames snin, mill-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, unikament jekk ma jkunx fil-pozizzjoni li jaqdi dmirijietu fuq il-Kummissjoni kemm minhabba infirmita` mentali jew korporali, kif ukoll ghal ragunijiet ohra, jew ghal imgieba hazina.

**30.** Il-Kummissjoni ghandha s-setgha taghmel rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru dwar, inter alia, terminazzjoni u dixxiplina fuq persuni impjegati fis-servizz civili. Min-naha tieghu, il-Prim Ministru, salv ghal fakolta` moghtija lilu li jibghat ir-rakkomandazzjoni lura tal-Kummissjoni ghar-rikonsiderazzjoni, huwa <u>marbut</u> bid-decizjoni tal-Kummissjoni[12].

**31.** F'kazijiet ta' dixxiplina u terminazzjoni ta' impieg minn mas-servizz civili, il-Kummissjoni hi marbuta li ssegwi r-Regolamenti[13] maghmula minnha stess.

**32.** Mill-premess jirrizulta li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, fl-ezercizzju tal-funzjoni hawn taht kunsiderazzjoni, tikkwalifika bhala <u>awtorita` gudikanti</u>,

---

[11] Appl.10328/83 - para 64
[12] Article 86 Kostituzzjoni
[13] Supra

indipendenti u mparzjali: hija taghti decizjonijiet, f'forma ta' rakkomandazzjonijiet, li skont l-istess Kostituzzjoni jorbtu lill-Prim Ministru li obbligat jaddottahom, u ghalhekk huma *"binding decisions"*; il-membri taghha ghandhom *security of tenure* ta' hames snin jew ghall-perjodu specifikat fl-ittra tan-nomina taghhom, u jistghu jigu rimossi biss mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru f'kaz biss li jkunu fl-inabilita` li jezercitaw il-funzjonijiet tal-kariga taghhom.

**33.** Fil-funzjoni taghha bhala awtorita` gudikanti l-Kummissjoni hija obbligata li tosserva l-principju tas-smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni, liema principju jinsab espressament affermat fl-imsemmija Regolamenti maghmula minnha stess.

**34.** Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li ma tara xejn li jimmilita kontra s-separazzjoni tal-poteri bejn l-organi tal-Istat, *multo magis* tenut kont ta' dak stabbilit mill-gurisprudenza nostrana li l-qrati ghandhom gurisdizzjoni li jissindikaw jekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Prim Ministru ttiehdux skont il-ligi[14].

**35.** Applikat il-premess ghal kaz in dizamina, din il-Qorti tosserva li l-Kummissjoni ntimata, li f'dan il-kaz kienet qed tagixxi bhala awtorita` kwazi-gudizzjarja, kellha d-dmir fil-ligi li tassigura li tul il-process kollu li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, jigi osservat id-dritt fundamentali taghha ta' smigh xieraq garantit bl-istess Kostituzzjoni, u dan billi tigi moghtija r-rapport li fuqu l-Kummissjoni hadet id-decizjoni finali taghha meta rrakkomandat it-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-servizz pubbliku, liema rapport ghalhekk ifforma l-bazi tat-tkeccija taghha. *Multo magis*, meta dak ir-rapport maghmul mill-Manager tas-sezzjoni taghha ma giex segwit b'ezami ulterjuri da parti tal-Bord Mediku.

**36.** Ghaldaqstant l-aggravji tal-intimati huma nfondati.

**<u>Decide</u>**

[14] Ara App.C. 1548/2001/1 **David Gatt v. Prim Ministru et** deciza 6 Settembru 2010 – para.41

Ghaldaqstant tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal wiehed minn hamsa [$^{1}/_{5}$] mir-rikorrenti u erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] jkunu a karigu tal-intimati *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------